# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April, 2025.**

**Numru 3**

**Rikors numru 808/05/1 TA**

**Dr Mark Chetcuti bħala mandatarju ta' Carolanne Purslow u Paul Bonavia u b'nota tat-18 ta' Jannar 2012, l-Avukat Dr Johann Debono assuma l-atti bħala mandatarju speċjali tal-istess**

**v.**

**Dr Mark Busuttil u P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati b'digriet tas-16 ta' Settembru 2005 biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Victor Bonavia; Vivenne Bonavia, u b'digriet tal-14 ta' Novembru 2024 il-Qorti ordnat li l-kawża titkompla f'isem Andrew Christopher Aquilina minflok Vincenza sive Vivienne Bonavia li ġiet nieqsa waqt li miexja l-kawża, u Lina Rossito għall-interess li jista' jkollhom u b'digriet tad-19 ta' Ġunju 2018 il-Qorti,**

**fuq talba tal-partijiet ordnat il-korrezzjoni fl-isem ta' "Vivenne Bonavia" ghal "Vivienne Bonavia" u fl-isem ta' "Lina Rossito" ghal "Carmela sive Lina Rossitto"; u stante l-mewt tal-P.L. Mario Mifsud Bonnici ġiet nominata l-P.L. Nicholette Aquilina di Noto, u dan b'digriet tas-16 ta' Marzu 2023.**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuta Vivienne Bonavia fil-5 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu qiegħda titlob lil din il-Qorti «*tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi deċiża fis-17 ta' Settembru 2018 kif ġej: a) Tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet in parte it-tielet talba tar-rikorrenti għal dak li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni ta' ġenerazzjoni ta' kull frott kemm ċivili u kif mod ieħor b) u tilqa' l-aggravji kollha tal-appellanti u Tħassarha u tirrevokaha għal bqija; bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-appellati*».

2. Il-kawża bdiet b'ċitazzjoni li ġiet preżentata fit-2 ta' Settembru 2005. Permezz tagħha, l-atturi, wara li ppremettew hekk:

> "Peress illi Victor Bonavia miet f'Malta fil-11 ta' Ottubru 1997.
>
> Peress illi b'testment tieghu tat-3 ta' Novembru 1992, hu halla b'legat lit-tieni mara tieghu Vivienne Bonavia, il-propjeta tal-Villa Minerva, bil-kontenut kollu taghha; legat ta' Lm2000 lil Lina Rossitto, u ghamel dikjarazzjoni fejn qal li z-zewg uliedu, cioe l-atturi, kienu nghataw il-legittima spettanti lilhom f'hajtu.
>
> Peress illi din id-dikjarazzjoni ta' missier l-atturi kienet ghal kollox inkorretta u huma qatt ma nghataw xejn minn Victor Bonavia la fi propjeta u anqas fi flus.
>
> Peress illi f'dan it-testment Victor Bonavia ma halla ebda eredi, u b'nota fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), l-atturi rrinunzjaw ghal kull buon fini ghal kull dritt ta' eredita ex lege li seta' kien spettanti

lilhom skond il-ligi u zammew ferm id-dritt ta' legittima spettanti lilhom skond il-ligi.

Peress illi d-dritt ta' legittima tal-atturi skond l-artikolu 616 tal-Kodici Civili gie michud lilhom peress illi ma messhom xejn mill-eredita ta' missierhom u ma nghataw xejn f'hajjet missierhom li taghmel tajjeb ghal tali legittima.

Peress illi d-disposizzjonijiet testamentarji eccedew dik il-parti li Victor Bonavia seta' jiddisponi minnu u dan a terminu tal-artikolu 647 tal-Kodici Civili.

Peress illi l-atturi jixtiequ li tigi likwidata u assenjata l-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' missierhom Victor Bonavia. Peress illi ghal dan il-fini jrid jigi likwidat il-konsistenza tal-assi ereditarji kollha ta' Victor Bonavia kif jirrizulta waqt il-kawza.

Peress illi ghalhekk il-legatarji ghandhom jirritornaw jew jirrifondu jew inaqqsu mill-legat imholli lilhom biex jaghmel tajjeb ghal-legittima spettanti lill-atturi u dan a terminu tal-artikolu 648 et seq. tal-Kodici Civili."

komplew billi talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha:

"1. tordna li l-assi tal-mejjet Victor Bonavia jigi likwidat f'dak kollu li jirrizulta spettanti lilu

2. tordna li mill-assi hekk likwidati, tigi likwidata l-porzjoni spettanti lill-atturi biex jaghmel tajjeb ghal-legittima spettanti lilhom skond il-ligi prevja li tiddikjara li d-dritt ta' legittima spettanti lill-atturi gie michud lilhom peress illi d-disposizzjonijiet testamentarji ta' Victor Bonavia eccedew dik il-parti li seta' jiddisponi minnha u kwindi tordna li l-legati mhollija jigu mnaqqsa jew dikjarati ineffikaci u jsiru l-kostazzjonijiet u imputazzjonijiet li jkunu eventwalment necessarji u dan permezz ta' periti nominati mill-Qorti;

3. tordna li l-konvenuti jew min minnhom jigu kundannati minn din il-Qorti jassenjaw lill-atturi l-istess legittima n-natura hekk likwidata bil-frott skond il-ligi a saldu tad-drittijiet taghhom tal-assi ta' Victor Bonavia;

4. jigi nominat Nutar minn din il-Qorti biex jircevi l-att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw il-konvenuti.

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2005 u bl-ingunzjoni talkonvenuti ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenuta Vivienne Bonavia ressqet nota tal-eċċezzjonijiet fit-23 ta' Settembru 2005, li permezz tagħha eċċepiet hekk:

> "1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu l-eredita` ta' Victor Bonavia, kuntrarjament ghal dak allegat mhijiex gjacenti izda ddevolviet a favur l-istess atturi. Jigi rilevat li l-istess atturi ma seghtux jirrinunzjaw ghad-dritt ta' eredita` spettanti lilhom, in kwantu kienu ddekadew mill-jedd tar-rinunzja, galadarba kellhom fil-pussess taghhom hwejjeg tal-wirt u tali att ta' rinuzja ma sarx entro t-terminu ta' tlett xhur stabbilit mill-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante d-dikjarazzjoni maghmula mid-decuius, Victor Bonavia, fit-testment tieghu tat-tlieta (3) ta' Novembru elf disgha mija tnejn u disghin (1992), fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona, li z-zewg uliedu, l-atturi, kienu nghataw il-legittima spettanti lilhom f'hajtu, kienet wahda korretta kif ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrarjament ghal dak allegat fic-citazzjoni attrici, id-disposizzjonijiet testamentarji ma eccedewx dik il-parti li d-decuius seta' jiddisponi minnha;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi, Carolanne Purslow u Paul Bonavia, huma persuni mhux denji li jirtu ai termini ta' l-Artikolu 605 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u ghalhekk l-azzjoni attrici qatt ma setghet tigi prospettata mill-istess atturi u hija nieqsa mill-utilita` guridika rikjesta mil-ligi;
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

4. Il-kuraturi deputati maħtura sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Victor Bonavia ressqu nota tal-eċċezzjonijiet fil-21 ta' Ottubru 2005, li biha qalu li mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet oħrajn fi stadju ulterjuri. Il-konvenuta Rossitto, għalkemm ġiet notifikata bl-att taċ-ċitazzjoni, ma weġbitx u għalhekk baqgħet kontumaċi.

5. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet mill-kawża b'sentenza mogħtija fis-17 ta' Settembru 2018, li permezz tagħha ddeċidiet hekk:

> "1. Tilqa' l-ewwel talba fis-sens kif ser jinghad u cioe` li l-assi ereditarji talmejjet Victor Bonavia jikkonsistu fl-ammont ta' €10,488.17 kif fuq inghad u kif ukoll il-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk bil-valuri moghtija fir-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, soggett dan il-valur pero` ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.
>
> 2. Tilqa' t-tieni talba kif gej:
>
> i. tillikwida l-legittima spettanti lill-Atturi ahwa Bonavia, kwantu ghal dak li jikkonsisti fi flus likwidi, fis-somma ta' €1748.02 kull wiehed bl-imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%), dekorribli mill-11 ta' Ottubru 1997. Kwantu ghal dak li jirrigwarda l-immobbli ghal sehem ta' wiehed minn kull sitt parti ( 1 /6) kull wiehed mill-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk, soggetta din il-parti li tirrigwarda llegat tal-Villa in kwistjoni, ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel.
>
> ii. tiddikjara, li bil-legat imholli lill-Konvenuta Vivienne Bonavia, Victor Bonavia ecceda dik il-parti li seta' jiddisponi minnha u tordna li l-legat mholli lilha jigi mnaqqas pro rata skont kif jipprovdu l-artikoli 647, 648 u 651 tal-Kodici Civili.
>
> iii. konsegwentement tiddikjara u tordna li l-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk mhollija b'legat favur il-Konvenuta, sehem l-istess Vivienne Bonavia jitnaqqas ghal sehem ta' zewg terzi (2 /3), filwaqt li tiddikjara li l-Atturi ghandhom kull wiehed parti wahda minn sitta (1 /6) tal-imsemmija proprjetá li thalliet b'legat lill-Konvenuta Vivienne Bonavia u dan soggett ghal dak li ser jinghad hawn. A` skans ta' kull ekwivoku dan is-sehem fi proprjeta` tal-Atturi jibqa' biss jekk ma jsirx il-hlas mill-Konvenuta Bonavia lill-istess Atturi kif ser jinghad aktar 'l isfel.
>
> iv. Kif spjegat aktar 'l isfel, din il-parti tas-Sentenza, li tirrigwarda l-legat in kwistjoni, hija soggetta ghad-dritt tal-Konvenuta Vivienne Bonavia, li ai termini tal-artiklu 653(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta thallas minflok fi flus lil kull wiehed mill-Atturi, parti minn sitta (1 /6) tal-valur tal-Villa Minerva, Juno Heights, Tas-Silg, Marsaxlokk liema valur tal-imsemmija Villa fit-totalita` taghha, huwa dak stabbilit mill-perit tekniku fil-jum li huwa ssottometta r-rapport, u cioe' fis-6 ta' Mejju 2008, fl-ammont ta' mitejn u ghoxrin elf Lira Maltija (LM220,000) ekwivalenti ghal €512,600, flimkien mal-imghax legali ta' 8% fuq l-imsemmi sehem ta' sest indiviz (1 /6) tal-imsemmi valur lil kull wiehed mill-Atturi, dekorribli mid-data ta' din is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv.

3. Tilqa' l-ewwel parti tat-tielet talba pero' bil-mod segwenti u dan billi, qed tordna lill-Konvenuti Kuraturi Deputati Dr. Mark Busuttil u P.L. Mario Mifsud Bonnici li gew nominati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Victor Bonavia u unikament fil-kwalita` imsemmija, jassenjaw u jhallsu lill-Atturi l-legittima dovuta lilhom, kwantu ghal dak li jirrigwarda flus likwidi, l-ammont €1748.02 bl-imghaxijiet kif fuq imsemmija. Dan l-ammont ghandu jithallas lil kull wiehed u wahda mill-Atturi.

Sa fejn jirrigwarda lill-Konvenuta Vivienne Bonavia tipprovdi s-segwenti: Jekk din tiddeciedi li tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju li jaghtiha l-artiklu 653(2) tal-Kap 16 tal-Kodici qua legatarja ta' Villa Minerva, Juno Heights , Marsaxlokk, hi tkun trid thallas fi flus, lil kull wiehed u wahda mill-Atturi, parti wahda minn sitta (1 /6) tal-valur tal-imsemmija Villa u cioe` l-ammont ta' €85,433.33 lil kull wiehed u wahda bl-imghax kif fuq inghad.

Ghal dan il-ghan u dejjem ghar-rigward tal-Konvenuta Vivienne Bonavia biss, il-Qorti qeghdha tipprefiggilha perjodu ta' erbgha (4) xhur mil-lum, biex tiddeciedi jekk tridx tipprevalixxi ruhha mill-ghazla, ossia opzjoni, li taghtiha l-ligi taht artiklu 653(2) tal-Kodici Civili u dan ai fini tal-pagament fuq imsemmi lill-Atturi kif fuq spjegat.

Fin-nuqqas ta' dan il-pagament fiz-zmien imsemmi, il-Qorti ser tkun qed tipprovdi fl-akkoljiment tar-raba' Attrici bil-mod hawn taht spjegat:

Tichad dik il-parti tat-tielet talba ghal dak li ghandha x'taqsam mal-likwidazzjoni ta' generazzjoni ta' kull frott kemm civili u kif mod iehor, u dan ghaliex sa fejn jirrigwarda imghaxijiet fuq flejjes dawn diga` ittiehdu in konsiderazzjoni fit-talbiet precedenti fil-komputazzjoni tal-flus likwidi fuq imsemmija u kif ukoll ghaliex ma ngabet ebda prova li l-uniku immobbli iggenera xi xorta ta' frott civili jew naturali.

4. Tilqa' ir-raba' talba fis-sens li fl-eventwalita' li l-Konvenuta Bonavia ma taghmilx il-pagament lill-Atturi fiz-zmien lilha moghti, il-Qorti qeghdha minn issa tinnomina lin-Nutar Alexia Sceberras Trigona sabiex tippubblika l-att notarili opportun sabiex sest (1 /6) indiviz mill-Villa fuq imsemmija jigi trasferit mill-Konvenuta Bonavia lil kull wiehed u wahda mill-Atturi b'mod li bejniethom ikollhom it-terz (1 /3) indiviz fi proprjeta` tal-imsemmija Villa. Ghal dan il-ghan il-Qorti qeghdha tinnomina lill-Avukat Dr. Alfred Abela bhala kuratur sabiex jidher ghan-nom tal-Konvenuta Bonavia, fl-eventwalita` li din tibqa' ma tidhirx ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fil-hin, lok u jum li ser tistabilixxi din il-Qorti. Il-Qorti qeghdha ghalhekk tiffissa bhala jum, lok u hin, ai fini ta' pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili inkwistjoni, d-disgha (9) ta' April 2019 fil-11.00 am fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta, fit-tieni sular hdejn il-Kamra tal-Avukati.

Kwantu ghall-konvenuta Rossitto, din qeghdha tkun illiberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu mill-Konvenuta Vivienne Bonavia salv ghal dawk tal-Konvenuta Rossitto li baqghet kontumaci, liema spejjes ghandhom jithallsu minnha jekk ikun il-kaz. Jekk ikun hemm il-htiega tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, spejjes kemm notarili u anke dawk tal-kuratur ikunu a` karigu tal-Konvenuta Bonavia. Fl-eventwalita' li dawn jithallsu mill-Atturi biex isir il-kuntratt, dawn ikunu jistghu jigu reklamati minghand il-Konvenuta Bonavia."

6. Kif diġà ngħad, il-konvenuta Bonavia appellat minn din is-sentenza. L-atturi wieġbu fis-6 ta' Novembru 2018, filwaqt li l-kuraturi deputati wieġbu fit-28 ta' Novembru 2018.

7. B'dikriet mogħti fit-12 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti, kif kienet diversament presjeduta, tat lill-appellanti l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament.

8. Fit-23 ta' Jannar 2025, l-appell ġie trattat u differit għas-sentenza għall-udjenza tal-lum.

9. L-aggravji tal-konvenuta Bonavia huma, fil-qosor, dawn li ġejjin:

i. li l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li l-atturi kienu validament irrinunzjaw għall-eredità ta' missierhom;

ii. li t-talbiet tal-atturi ma kienx jistħoqqilhom jintlaqgħu billi huma mhux denji li jirtu;

iii. li l-Ewwel Qorti żbaljat fir-rigward taż-żmien rilevanti li kellu jitqies fir-rigward tal-valur tal-ġid tal-mejjet bl-iskop li titħallas il-leġittima;

iv. li s-sentenza appellata tikser il-prinċipju li l-oneru tal-prova huwa fuq l-attur, billi f'diversi istanzi dak l-oneru ġie mqiegħed fuq il-konvenuta bi ksur tal-liġi;

v. li l-appellanti ma kienet qatt il-leġittimu kontradittur billi huwa biss l-eredi li għandu jħallas il-leġittima, u mhux il-legatarju;

vi. li l-ispejjeż ma tqassmux b'mod ġust.

10. Huwa opportun li qabel xejn jiġu riepilogati l-fatti prinċipali li fuqhom huwa bbażat dan l-appell:

(a) Il-konvenuta Vivienne, jew Vincenza, Bonavia kienet l-armla ta' Victor Bonavia, li miet fil-11 ta' Ottubru 1997[1]. L-atturi huma wlied l-ewwel mara ta' Victor Bonavia, li kien jisimha Joyce Bonavia, u li minnha huwa divorzjat. L-atturi jgħidu li Victor Bonavia kien iffalsifika l-firma ta' ommhom fuq dokumenti bankarji, u li dan kien wassal għad-

[1] Fol.6.

divorzju bejniethom[2]. Il-konvenuta Bonavia żżewġet lil Victor Bonavia fil-15 ta' April 1992[3];

(b) Is-suċċessjoni tiegħu hija regolata minn testment pubbliku magħmul minnu fit-3 ta' Novembru 1992 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona[4];

(c) B'dan it-testment[5], huwa ħalla lill-konvenuta Bonavia b'legat il-proprjetà sħiħa tal-fond bl-isem "Villa Minerva" f'Juno Heights, Marsaxlokk, flimkien mal-kontenut tal-istess fond, u lill-konvenuta Rossitto (kuġina tal-atturi) ħallilha b'legat is-somma ta' Lm2,000. F'dan it-testment, Victor Bonavia ma nnominax werrieta. Dwar l-atturi, it-testatur iddikjara hekk:

> "...that he has already given in settlement of their right of legitim under Maltese law unto his daughter and son, one half each of the business concern "Chapman's london Garage Limited" Codrington Mews, London West 11, valued at Sterling Five Hundred Thousand Pounds, together with a minimum unto each of Sterling Three thousand Pounds to enable them to buy their respective houses in the United Kingdom."

(d) Il-fond li tħalla b'legat lill-konvenuta Bonavia kien inkiseb minn Victor Bonavia b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona fid-19 ta' Mejju 1988[6];

[2] Ara l-affidavit tal-attriċi Purslow, a fol.109, u tal-attur Bonavia, a fol.113.
[3] Ara x-xhieda tal-konvenuta Bonavia, a fol.142.
[4] Fol.7-10.
[5] Fol.11.
[6] Fol.13.

(e) L-atturi rrinunzjaw għall-eredità ta' missierhom b'nota preżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-2 ta' Settembru 2005[7];

(f) L-atturi jiċħdu għal kollox li missierhom tahom xi flus biex jixtru proprjetà fl-Ingilterra[8];

(g) Jirriżulta li Victor Bonavia kien l-azzjonist ta' kumpanija inkorporata fl-Ingilterra bl-isem "Chapman's London Garage Limited". Matul ħajtu, u qabel m'għamel it-testment finali tiegħu, huwa aljena tmenin fil-mija ta' dawn l-ishma lil uliedu l-atturi[9]. Fl-istess żmien, huwa kellu offerti mingħand terzi sabiex jixtru n-negozju tiegħu[10]. L-atturi xehdu li dan it-trasferiment tal-ishma kien b'titolu oneruż, tant li ġie miftiehem prezz li huma ħallsu lil missierhom[11]. Bħala parti minn dan il-ftehim, l-atturi jgħidu li kellhom jassumu djun bankarji tal-kumpanija, li ma kellhiex proprjetà mmobbli u kienet tikri l-fond minn fejn kienet tmexxi n-negozju tagħha. L-atturi xehdu li parti mill-ftehim li kellhom ma' missierhom kien jagħtih sehem mill-qligħ jekk il-kumpanija jirnexxielha tikseb il-proprjetà tal-fond minn fejn kienet tinnegozja mingħand is-sid. Is-sid però qatt

---

[7] Fol.101.

[8] Ara l-affidavit tal-attriċi Purslow, a fol.109, kif ukoll ix-xhieda in kontroeżami permezz tar-rogatorji tal-attur Bonavia, a fol.647.

[9] L-iskrittura tal-bejgħ hija eżebita a fol.194.

[10] Fol.203-204.

[11] Ara l-affidavit tal-attriċi Purslow, a fol.110.

ma ried ibiegħ. Wara xi snin imexxu n-negozju, l-atturi ddeċidew li jbiegħu l-kumpanija, u kien f'dan il-mument li Victor Bonavia ried jimpunja l-ftehim tat-trasferiment tal-ishma. Jidher li hu ma kienx kuntent dwar il-mod kif uliedu mexxew in-negozju[12]. Din it-tilwima kienet ġiet tranżatta, u permezz tal-ftehim milħuq l-atturi akkwistaw l-ishma rimanenti li Victor Bonavia kellu f'din il-kumpanija, kontra prezz li huma ħallsu lilu[13];

(h) Il-konvenuta Bonavia iżda saħqet li żewġha ma kienx tħallas kollox mingħand uliedu l-atturi, tant li kien żamm għandu *cheque* fl-ammont ta' £11,750 li ma kienx ġie msarraf[14]. Dan iċ-*cheque* kien inżamm f'envelopp li fuqu t-testatur kien kiteb il-kliem «*This should be deducted from any attempt to extract any money or share in my will after my death*»[15];

(i) Il-provi juru li fis-sena 1990, Victor Bonavia kien ġie arrestat mill-Pulizija ta' Essex b'konnessjoni mal-offiża ta' rikatt[16]. Huwa kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, u b'ittra tat-18 ta' Ġunju 1990, ġie nfurmat mill-Pulizija li ma kinux se jittieħdu passi ulterjuri dwar ir-rapport li sar fil-konfront tiegħu[17]. Jidher li dan l-arrest sar fuq rapport mill-attriċi

[12] Ara x-xhieda tal-konvenuta Rossitto, a fol.496.
[13] Ara l-affidavit tal-attriċi Purslow, a fol.111, u tal-attur Bonavia, a fol.115.
[14] Fol.184.
[15] Fol.183.
[16] Fol.263.
[17] Fol.266.

Carolanne Purslow, li qalet li ġiet mhedda minn missierha li jekk ma tħallsux tletin elf lira sterlina, kien se jieħu lil uliedha[18]. L-atturi anki rrappurtaw lill-Pulizija li kienu rċievew ittri anonimi ta' theddid. L-attriċi però xehdet li hija qatt ma kienet se tmexxi bir-rapport tagħha lill-Pulizija, u riedet biss li missierha jiġi mwissi[19]. Fil-fatt hi xehdet li l-Pulizija staqsewha riditx li jitressqu akkużi u hija wieġbet fin-negattiv[20];

(j) Sal-mument meta saret il-kawża, il-konvenuta Rossitto ma kinitx għadha tħallset il-legat imħolli lilha[21].

11. Eżaminati l-fatti saljenti tal-każ, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-aggravji dedotti mill-konvenuta Bonavia fir-rikors tal-appell tagħha.

12. Il-Qorti jidhrilha li qabel xejn għandha l-ewwel tqis **ir-raba' aggravju** tal-konvenuta Bonavia, li bih tilmenta mill-fatt li fis-sentenza appellata, ġie mixħut fuqha l-oneru tal-prova meta hija, bħala konvenuta, ma kienet obbligata li tipprova xejn.

13. Għalkemm huwa minnu li, fil-prattika, huwa l-attur li jrid jipprova l-fatt allegat minnu, ir-regola artikolata fl-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hija ġenerika: «*Bla ħsara ta' kull*

[18] Fol.270.
[19] Ara x-xhieda in kontroeżami tal-attriċi Purslow, a fol.521.
[20] Fol.529.
[21] Fol.132.

*dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*». Dan huwa hekk għaliex fil-kors ta' kull kawża, hemm fatti li jiġu allegati mill-attur sabiex isostni t-talbiet tiegħu, u fatti allegati mill-konvenut biex isostni l-eċċezzjonijiet tiegħu. Lil kull wieħed minnhom imiss l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut rispettivament. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi*** (Appell Inferjuri, 12/4/2007):

> "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5."

14. Issa wieħed mill-modi li l-liġi tipprovdi sabiex jiġu stabbiliti l-fatti huma l-preżunzjonijiet. Dawn il-preżunzjonijiet jistgħu jkunu *iure et de iure* jew inkella *iuris tantum*. Huma biss dawn tal-aħħar li jistgħu jiġu megħluba permezz ta' provi kuntrarji. L-effett ta' din ix-xorta ta' preżunzjoni hija li tixħet l-oneru tal-prova tal-fatt kuntrarju fuq il-parti li tallega l-fatt kuntrarju, filwaqt li teħles lill-parti li tallega l-fatt preżunt mill-prova ta' dak il-fatt. Din l-ispjegazzjoni tal-kittieb ***Pacifici Mazzoni*** hija rilevanti f'dan il-kuntest:

> "L'effetto delle presunzioni legali consiste nel dispensare da qualsiasi prova quello a cui favore esse hanno luogo... Ma ciò non deve intendersi fino al punto che basti invocare la presunzione per essere dispensato da ogni prova. Occorre che colui, il quale la invoca, prova i fatti che servono di base alla presunzione, imperocchè il fatto su cui questa si eleva deve essere *noto*. Alla parte avversaria spetta di diritto la prova contraria per ismentire i fatti asserti.[22]"

[22] Istituzioni di Diritto Civile Italiano (Firenze, 1881), Vol.II, §224.

15. Hekk, per eżempju, il-liġi toħloq preżunzjoni favur il-kapaċità tad-dixxendent li jiret lill-axxendent tiegħu, permezz tal-Artikolu 596 tal-Kodiċi Ċivili. La rriżulta li l-atturi huma wlied it-testatur, huma kellhom din il-preżunzjoni favur tagħhom u kien imiss lill-konvenuta li tegħleb dik il-preżunzjoni bil-prova tal-indenjità. Prova li però kienet tinkombi fuqha.

16. Fl-aggravju tagħha, il-konvenuta appellanti tgħid li hija kellha favur tagħha l-preżunzjoni li dak kontenut fit-testment huwa l-verità, u kien imiss lill-atturi jġibu prova biex jegħlbu dik il-preżunzjoni. Dan l-ilment tagħha però huwa bla fondament għal aktar minn raġuni waħda.

17. Fl-ewwel lok, il-liġi ma toħloq ebda preżunzjoni bħal dik dikjarata mill-konvenuta appellanti. Huwa minnu li l-ġurisprudenza dejjem żammet li r-rieda tat-testatur għandha tiġi rispettata. Dan però huwa hekk biss sa fejn dik ir-rieda ma tkunx ġiet eżerċitata b'mod li ċċaħħad lill-qraba tat-testatur mid-drittijiet li tagħtihom il-liġi. Dan tant hu minnu, li ġie diversi drabi deċiż li t-testatur lanqas ma jista' jwaqqaf lil dawk il-qraba mid-dritt li jfittxu d-drittijiet tagħhom permezz ta' klawsola komminatorja (ara f'dan is-sens ***Odette Abela v. Josephine Cassar et***, Appell Superjuri, 29 ta' Marzu 2023).

18. B'mod ġenerali, l-preżunzjoni hija favur min huwa mogħti mil-liġi sehem riżervat mill-ġid tat-testatur. Huwa min jippretendi li dak is-sehem riżervat mhux dovut li għandu l-oneru tal-prova għaliex. Dan il-prinċipju insibuh espressament stabbilit fil-materja tad-diżeredazzjoni permezz tal-artikolu 625 tal-Kodiċi Ċivili. U anki jekk il-każ tal-lum ma jirrigwardax l-istitut tad-diżeredazzjoni, il-prinċipju japplika wkoll għaliex bid-dikjarazzjoni li t-testatur għamel fl-aħħar testment tiegħu, huwa prova jċaħħad lill-uliedu mis-sehem riżervat. Huwa xieraq għalhekk li l-prova li r-raġunijiet mogħtija mit-testatur sabiex dak is-sehem riżervat jiġi eskluż tmiss lil min isostni dik l-esklużjoni. Għalhekk mhux minnu li l-konvenuta għandha xi preżunzjoni favur tagħha.

19. Fit-tieni lok, huwa irrilevanti jekk il-provi li fuqhom straħet il-Qorti tal-ewwel istanza nġabux mill-atturi jew mill-konvenuti. Kif ingħad fid-deċiżjoni ***Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud*** (Appell Inferjuri, 12 ta' Novembru 2003):

> "Tajjeb f'dan l-istadju li jiġi preċiżat illi l-prinċipju tal-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiż trid tiġi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan għaliex dejjem jistgħu jiġu utilizzati elementi probatorji oħrajn akkwiżiti fil-proċess, in kwantu fl-ordinament ġuridiku tagħna jviġi l-prinċipju li r-riżultanzi istruttorji jistgħu jiġu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament għall-konvinciment tal-ġudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluż, lanqas l-użu ta' prova fornita minn parti li kapaċi tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti."

20. Għalhekk ir-raba' aggravju huwa miċħud.

21. Inkomplu billi nqisu **l-ewwel aggravju**. Bih, il-konvenuta Bonavia tisħaq li r-rinunzja għall-eredità magħmula mill-atturi hija invalida minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili. Issostni li l-atturi kienu fil-pussess ta' ħwejjeġ tal-wirt għal aktar mill-perijodu li trid il-liġi, billi huma kellhom fil-pussess tagħhom kreditu dovut lit-testatur, konsistenti mill-ammont ta' £11,750 li l-konvenuta Bonavia tisħaq li baqa' mhux imħallas lit-testatur.

22. Dwar din il-materja, li kienet ukoll tifforma l-meritu tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Bonavia, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "19. Fid-dawl ta' dan it-taghlim, jekk l-Atturi naqsu milli jghaddu l-flus imsemmija lil missierhom (fatt li gie negat mill-atturi fl-affidavit u x-xhieda taghhom a' fol 109, 113, 513 u 640), fid-dawl tac-cirkostanzi erratici u ambivalenti li sehhew bejn il-partijiet fil-kuntest tar-relazzjonijiet mimlija imrar, oltre' dak li ser jinghad aktar 'l isfel, anke li kieku l-Konvenuti tassew zammew dawn il-flejjes ma jistax jinghad dak li qed tghid il-Konvenuta. Dan l-agir ma jissarrafx f'att li certament, necessarjament u univokament ghandu jigi interpretat bhala 'atto di erede'. Ghalhekk ma jistax jinghad li accettaw tacitament il-wirt ta' Victor Bonavia fis-sens kif spjegat fl-ermenawtika gurisprudenzjali tal-Qrati Maltin. Haga l-accettazzjoni espressa u univoka u haga ohra d-deduzzjoni tal-accettazzjoni abbazi tal-implicita'. Tal-ahhar tinnecessita' ezami rigoruz b'mod li kull dubbju ghandu jmur favur min wettaq l-att.
>
> 20. Apparti l-argumenti surreferiti, jirrisulta car, li dawn il-flus kienu dovuti mhux mill-Atturi personalment izda kif it-testatur jiddikjara fin-nota minnu maghmula : "*... Have Cheated Me Of The Sum of £11,750 (Sterling) due to me as my personal money from the **company (Chapmans (L) Gar** by paying me out with a cheque datd 21-March 1990 and then stopped it after I presented to the bank..*" ( emfazi tal-Qorti ). Dan ifisser, li l-ammont li jirreferi ghalih kien dovut mill-Kumpanija Chapmans (London) Limited u mhux mill-Konvenuti personalment. Di fatti c-cheque in kwistjoni inhareg minn kont ta' din il-Kumpanija (a' fol 185). Ma ingabet ebda prova li din il-Kumpanija

> hallset lill-Atturi personalment biex da parti taghhom jghaddu l-istess flus lil missierhom. Dan ifisser, li l-flus in kwistjoni baqghu, jekk qatt, fil-pussess tal-Kumpanija u mhux tal-Atturi personalment."

23. Fl-aggravju tagħha, il-konvenuta appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ntilfet f'dettalji dwar minn liema kont bankarju nħareġ dan iċ-*cheque*, għaliex l-uniku ħaġa li kienet rilevanti hija li l-atturi kellhom fil-pussess tagħhom kreditu favur it-testatur, u la din hija ħaġa tal-wirt, kellu jaħdem fil-konfront tagħhom l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili.

24. Dik id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> "B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pusses tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor."

25. Din id-dispożizzjoni tidderoga mill-effetti tad-dispożizzjonijiet preċedenti li jirregolaw id-dritt ta' kull imsejjaħ għal wirt li jirrinunzja għal dak il-wirt. Effettivament fil-każ tal-lum irriżulta li l-atturi tassew kienu msejħin għall-wirt ta' missierhom, peress li huwa ma nnominax werrieta universali fit-testment tiegħu u konsegwentement jitqies mil-liġi daqs li kieku miet intestat[23].

[23] Artikoli 684 u 788 tal-Kodiċi Ċivili.

26. L-Artikolu 869 qatt ma ġie emendat minn meta sar liġi permezz tal-Artikolu 572 tal-Ordinanza VII tal-1868. Il-lokuzzjoni oriġinali ta' din id-dispożizzjoni, fl-ilsien Taljan, kienet tirriserva l-effetti tagħha għal dawk l-imsejħa għall-wirt «...*i quali si trovino nel possesso reale dei beni ereditari...*». Fin-notamenti tiegħu, Dingli jirreferi għall-Artikolu 1007 tal-Kodiċi Albertin, b'dan li ħalla barra t-tieni subinċiż tiegħu. F'kummenti dwar dak il-Kodiċi, insibu spjegat li:

> "Secondo le leggi romane adunque, dal possesso reale delle cose ereditarie inducevasi una forte presunzione di adizione dell'eredità, e l'erede, il quale erasi immesso nel possesso della successione, qualora avesse potuto rinunciare, avrebbe dovuto provare di non aver fatto alcun atto d'erede, e di non aver posseduto *iure hereditario*, ma solamente *custodiae caussa*.[24]"

27. Insibu wkoll:

> "Richiede primeriamente la legge che il possesso sia *reale*. Quindi non si farebbe luogo alla presente disposizione se l'erede prendesse semplicimente le chiavi ed anche i titoli della successione, nel caso però in cui non fossero stati apposti i sigilli, perchè ha potuto farlo come atto conservatorio e ciò è anche probabile... ... In secondo luogo richiede la legge il decorso di tre mesi... Ma queste due condizioni riunite insieme sono caratteristiche per dire che quel possesso reale è un atto di adizione pura e semplice, non potendosi possedere un'eredità senza essere erede più dei tre mesi suddetti. Ogni protesta in contrario, siccome *contra factum*, è inutile; poteva d'altronde l'erede uniformarsi alla sezione *Del benefizio dell'inventario*, perchè potesse godere dell'accettazione beneficiaria.[25]"

28. Skont il-ġurisprudenza tagħna, l-Artikolu 869 ma jsib ebda applikazzjoni fejn l-eredi jkun fil-pussess tal-eredità minn qabel il-mewt

---

[24] Manuale Forense ossia Confronto fra il Codice Albertino, il diritto Romano e la legislazione anteriore (Torino, 1840), Vol.V, pġa.127-128.
[25] ***Poncini***, Commenti sul Codice Civile (Torino, 1841), Vol.III, pġa.187-188.

tad-*de cuius*, u jkun sempliċiment kompla l-istat ta' fatt eżistenti, bħal każ tal-armla li tibqa' toqgħod fl-istess post fejn kienet tgħix mal-mejjet[26]. Ġie wkoll deċiż li l-pussess reali tal-ħwejjeġ tal-wirt jirreferi għall-ġid kollu formanti parti mill-eredità, u mhux suffiċċjenti l-pussess ta' beni singoli[27], għalkemm jeżistu wkoll deċiżjonijiet kuntrarji[28].

29. Din il-Qorti ttendi lejn il-pożizzjoni espressa fid-deċiżjoni ***Pace pro et noe et v. Pace***, ġjà ċitata. Il-lokuzzjoni addottata fl-Artikolu 870 tal-Kodiċi Ċivili, li jippreskrivi d-dekadenza mill-jedd ta' rinunzja għall-eredità fil-konfront tal-eredi li b'qerq jieħu jew jaħbi **xi** ħwejjeġ tal-wirt huwa f'kuntrast mal-lokuzzjoni addottata fl-Artikolu 869, fejn il-pussess reali huwa meħtieġ li jkun fir-rigward **tal-**ħwejjeġ tal-wirt. Huwa evidenti li l-leġiżlatur iddistingwa bejn iż-żewġ qagħdiet regolati minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, in kwantu fil-każ kontemplat taħt l-Artikolu 870, il-fatt pożittiv konsistenti mit-teħid jew ħabi ta' ħaġa waħda mill-wirt huwa biżżejjed biex ir-rinunzja tkun eskluża, filwaqt li fil-każ kontemplat taħt l-Artikolu 869, il-pussess fattwali biss – biex ikollu l-istess effett – irid ikun fir-rigward tal-wirt kollu u għaż-żmien li ssemmi l-liġi. Barra minn hekk, l-Artikolu 869 jidderoga għad-dritt tal-eredi li jirrinunzja, u għalhekk l-

[26] Ara f'dan is-sens ***Francesco Barron vs. Rosina Muscat*** (Prim'Awla, 8 ta' Jannar 1935 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.192) u ***Paolina Fabri ed altri v. Saverio Calleja ed altri*** (Appell Superjuri, 27 ta' Jannar 1888 – Kollezz. Vol.XI.496).

[27] Ara f'dan is-sens ***Marjano sive Mario Pace pro et noe et v. Carmelo Pace et*** (Qorti t'Għawdex, 20 ta' Jannar 2009), kif ukoll ***Raymond Meilak et v. Henry Depasquale et*** (Appell Superjuri, 23 ta' Novembru 2020).

[28] Ara ***Giovanna vedova di Nicola Scicluna v. Salvatore Scicluna*** (Prim'Awla, 30 t'April 1934 – Kollezz. Vol.XXVIII.ii.578) kif ukoll ***Mid-Med Bank plc v. Diane Lesley Vella et*** (Prim'Awla, 30 t'April 2008).

interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni għandha tkun waħda ristretta u mhux estensiva. Anki taħt il-Kodiċi Albertin, kien neċessarju li l-imsejjaħ għall-wirt ikun fil-pussess «*della successione*», u ċjoè tal-universalità tal-eredità, u mhux ta' beni individwali, kif jirriżulta mill-kummenti riprodotti aktar qabel.

30. La darba għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u dan l-ewwel aggravju tagħha huwa marbut mal-pretensjoni li l-atturi kellhom fil-pussess tagħhom kreditu dovut lit-testatur, u mhux il-ħwejjeġ kollha tal-wirt, l-argument tagħha jfalli. Dan apparti l-fatt li l-pussess tal-atturi – jekk tassew kien hemm – kien jeżisti minn qabel il-mewt tat-testatur u għalhekk skont il-ġurisprudenza diġà ċitata mhux neċessarjament suffiċċjenti sabiex jirradika l-preżunzjoni mposta mill-Artikolu 869. Fuq kollox, l-atturi jikkontestaw li huma debituri tal-eredità, u għalhekk il-fattispeċi tal-każ żgur ma jirrientrawx fil-parametri tal-Artikolu 869.

31. U jekk dan mhux biżżejjed, il-Qorti jidhrilha li anki kieku wieħed kellu jqis, għall-grazzja tal-argument, li l-atturi tassew ma ħallsux dak li kellhom iħallsu lil Victor Bonavia, xorta ma jsegwix li huma kellhom fil-pussess tagħhom oġġett mill-eredità. Il-kreditu baqa' jifforma parti mill-eredità, u dak li l-atturi seta' jkollhom fil-pussess tagħhom kien biss il-flus li, skont il-konvenuta Bonavia, kien għad baqagħlhom jitħallsu lit-testatur. Dawn il-flus, bħal kull oġġett funġibbli ieħor, jibqgħu ta' proprjetà tad-

debitur, u l-kreditur ikollu biss il-jedd li jippretendi l-kunsinna ta' oġġett fl-istess kwantità u kwalità ta' dak li għandu jieħu mingħand id-debitur. Dan b'differenza għal meta l-oġġett ikun infunġibbli, f'liema każ il-kreditur ikollu l-jedd li jirrivendika l-oġġett speċifiku mingħand id-debitur. Fi kliem ieħor, meta l-kreditur imut ma jingħadx li d-debitur ikun fil-pussess ta' ħaġa tal-wirt – jiġri biss li l-obbligu tiegħu għall-ħlas jgħaddi favur il-werriet.

32. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenuta qiegħed jiġi mwarrab.

33. Niġu issa **għat-tieni aggravju**, li permezz tiegħu l-konvenuta tinsisti li t-talbiet tal-atturi kellhom jiġu miċħuda billi huma kienu indenji li jirtu.

34. Dwar dan l-aspett tal-kawża l-Qorti tal-ewwel istanza hekk ikkunsidrat:

> "25. Il-Konvenuta Vivienne Bonavia taghmel referenza ghal Dok VB19 (a` fol 260-271) prezentati minnha li, fi kliemha, "juri bic-car li kienu l-pulizija li ddecidew li ma jipprocedux oltre fuq l-allegazzjonijiet migjuba mill-Atturi filkonfront ta' missierhom." (a' fol 260-271 ). Il-Konvenuta qalet hekk, fid-dawl ta' dak li jistipula l-Artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili li fuqu sejset it-tielet eccezzjoni taghha. Ma kienetx haga facli ghal din il-Qorti li ssib xi xorta ta' ermenewtika lokali biex tigwidha fit-tifsira guridika ta' dan, hlief ghal Sentenza wahda tal-**Prim Awla Qorti Civili fl-ismijiet John Agius -vs-Carmelo Agius per Imhallef Joseph R. Micallef tat-8 ta' Lulju 2004** u li ma titfa' ebda dawl fuq il-punt li ghandha qudddiemha din il-Qorti. Ghalhek din il-Qorti kellha tirrikorri ghal zewg sorsi: l-artiklu 101 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u artiklu 463(3) Kodici Civili Taljan, li ghalkemm mhux preciz ghal dak li insibu fil-Kodici Civili taghna jista' jitfa' dawl dwar l-interpretazzjoni.

26. Differentement mill-kaz tad-diseredazzjoni taht artikoli 622 u 623 tal-Kodici Civili Malti, fil-kaz ta' persuna li ma tkunx denja li tircievi b'testment taht Artikolu 605 tal-Kodici Civili, dik il-persuna tigi **eskluza** milli tkun beneficcjarja taht testment ghal xi raguni li ssemmi l-ligi. L-indenjita' li dak li jkun jircievi b'testment titnissel minn sanzjoni tal-ligi filwaqt li dik tad-deseredazzjoni titnissel mir-rieda tat-testatur (Ara "**Codici Civile Annotato Pescatore e Ruperto**; para 463 pg 274; Ed Giuffre' 1978"). Aktar minn hekk, l-indinjita' twassal biex teskludi lil dak li jkun milli jircievi kwalunkwe xorta ta' beneficcju taht tesment, inkluz legat, mentri id-deseredazzjoni hija limitata ghall-porzjoni riservata gja' leggitima.

27. Artiklu 463 (3) tal-Kodici Taljan huwa simili ghal dak Malti u jistabilixxi li " chi ha denunziato una di tali persone per reato punibile con l'ergastolo o con la reclusione per un tempo non inferiore nel minimo a tre anni, se la denunzia è stata dichiarata calunniosa in giudizio penale (Cod. Pen. 368); ovvero ha testimoniato contro le persone medesime imputate dei predetti reati, se la testimonianza è stata dichiarata, nei confronti di lui, falsa in giudizio penale (Cod. Pen. 372)". Irid jinghad ukoll li t-test Malti tal-artiklu 605 tal-Kodici Civili huwa kwazi repetizzjoni verbatim tal-artiklu 101 tal-Kodici Kriminali li jipprospetta r-reat tal-kalunnja.

28. Tesisti biss differenza wahda bejn dawn iz-zewg artikoli. Fil-waqt li l-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali japplika ghal kull min jakkuza "lil xi persuna" l-Artikolu 605(1)(b), dak tal-Kodici Civili japplika ghal kull minn ikun akkuza "lit-testatur". Ghalhekk, biex il-Qorti setghet tifhem ahjar l-import u definizzjoni legali tal-Artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili, kellha ta' bil-fors tirreferi ghal xi Sentenzi li inghataw fil-kamp kriminali. L-artikolu penali imsemmi jistipula li "Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel…"

29. Jidher li dawn z-zewg artikoli huma minsuga fuq l-istess principji legali, b'dan illi l-insenjament moghti mill-Qrati Kriminali rigwardanti l-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitfghu dawl fuq ix-xorta ta' interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili.
30. Minn hawn titnissel id-definizzjoni ta' l-Artikolu 605(1)(b) tal-Kap. 16 u cioe` li sabiex dan jikkonfigura jridu jesistu tlett elementi sabiex persuna titqies mhux denja li tiret taht u cioe`:-
1. It-testatur irid ikun akkuzat quddiem awtoritá kompetenti u
2. Ta' delitt li jgib il-piena ta' prigunerija,
3. Min akkuzah jaf bl-innocenza tat-testatur

31. Rigward l-ewwel element, gie ritenut hekk mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) fis-sentenza **il-Pulizija vs Josianne Giusti**:

> "*Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula*

*verbalment jew bilmiktub, liema kalunja hija imsejjha bhala verbali u diretta. ... Il-Professur Mamo ighid: "**such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority**." Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta' l-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta' l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:*

> *"**Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali**."*

*Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: "**L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat**."*

*Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali gie deciz: "**Kull ma jirrikjedi l-Artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.**" (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)". (sottolinear ta' din il-Qorti)*

32. Mhux l-istess jinghad ghat-theddid ta' molestja billi kif johorg mill-kontroezami ta' l-Attrici Carolanne Purslow (a' fol 21) tali akkuza giet mressqa minnha quddiem l-Awtorita kompetenti kif imfissra fil-paragrafu appena citat li f'dan il-kaz kienet il-Metropolitan Police (ara dokumenti markati Dok VB19 su riferiti). Lanqas ma hu kontestat li tali akkuza timporta piena ta' prigunerija u ghaldaqstant anke t-tieni element jitqies li huwa sodisfatt. Izda minn naha l-ohra m'hemm xejn f'Dok VB, li l-Attrici kienet taf bl-innocenza tieghu fil-mument li hi ssottomettiet ir-rapport taghha mal-Pulizija. Difatti kull ma hemm huwa dokument mahrug minn Essex Police li permezz tieghu nfurmaw lit-testatur li ma hux se tittiehed ebda azzjoni ulterjuri kontra tieghu (a' fol 266 ).

33. Irid jinghad ukoll li l-Attur Paul Bonavia kien estraneju ghar-rapport li sar lill-Pulizija Ingliza mill-Attrici Carolanne Purslow. Dan il-fatt jemergi car mhux biss mid-dokumenti esebiti in konnessjoni ma' dan

ir-rapport partikulari izda huwa jichad kategorikament li qatt kellu x'jaqsam ma' dan ir-rapport (ara a' fol 644). Din il-versjoni hija ukoll konfortata minn dokument ta' Fishers Jones, ditta ta' avukati ingliza, datat 3 ta' Mejju 1990 li tghid "The allegations were from Mrs. Bonavia's daughter Mrs. Smith" (a' fol 270 ).

34. Kif gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Rex vs Katerina Debono** moghtija fis-7 ta' Novembru 1949 (Vol.XXIV PIV, pg 886), "*perche si verifichi la calumnia diretta occorre oltre alla falsa denunzia fatta con animo di nuocere il denunziato, la cognizione del denunziante contemporanea alla denunzia, dell'innocenza del denunziato*".

35. Kieku ghall-grazzja tal-argument, missier l-Atturi xorta tressaq il-Qorti abbazi tar-rapport li sar kontrih u gie illiberat, anke dan ma kienx ikun bizzejjed ai fini tal-artiklu in kwistjoni. Il-prova li trid issir, mhux l-innocenza ta' min jkun akkuzat, izda x-xjenza propja ta' min ghamel ir-rapport li fil-mument li ghamlu, kien jaf li r-rejat ma sehhx jew kellu kull prova li tindika li l-persuna rapportata hija innocenti jew u qatt ma setghet tinsab hatja. Ghaldaqstant, id-denunzja mill-Attrici tat-testatur tfalli mit-tielet element rikjest fl-Artikolu 605(1)(b) tal-Kodici Civili sabiex tista titqies mhux denja li tiret u konsegwentement tigi applikata kontra taghha l-komminazzjoni f'dan l-artiklu.

36. Inkwantu jirrigwarda l-allegazzjoni dwar li l-Atturi akkuzaw lil Paul Bonavia b'falsikifazzjoni tal-firma t'ommhom fi proceduri ta' separazzjoni ftit li xejn hemm xi tghid. Apparti li ma gewx presentati l-atti formali ta' din il-kawza, il-provi f'dan ir-rigward huma skarsi hafna. Tant huma skarsi li l-Konvenuta ma taghmel ebda accenn ghaliha (ara affidavit a' fol 149 u kontroezami a' fol 404). L-istess Konvenuta l-anqas hasset li ghandha tittrattaha fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha kif fil-fatt ghamlet fil-kaz tal-allegazzjoni ta' rikatt (ara a' fol 680). Ghalhekk anke fir-rigward ta' din l-allegazzjoni, il-komminazzjoni fl-Artikolu 605 (1)(b) tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

37. Fl-ahhar nett jiswa dak li jghallem Francesco Ricci dwar dak li ghid lartiklu tal-Kodici Taljan fuq imsemmi inkwantu jirrigwarda l-kalunnja:

> "*L'esistenza della calunnia, dice l-articoli in esame, deve essere dikjarata in gudizzio? In quella penale o' in quello civile? Riteniamo che debba essere dichiarata nel primo per queste due ragioni; l'una, che ove il legislatore avesse inteso che la calunnia si dovesse accertare in gudizio civile, sarebbe stata oziosa questa sua disposizione, perche' e' principio che si fa proporre un gudizio civile deve dimostrare il fondamento della sua azione, sul quale e' necessario che promunci il magistrato adito. L'altra consiste nel fatto , che a costituire il reato di calunnia deve concorrere un elemento interior e subiettivo consistente nella con convinzione che il caluniatore aveva dell'innocenza della persona da lui callunniata. Or ache questo element interno non puo' essere competentemente apprezzato che dal guidice penale, innanzi al quale si e' svolto il*

> *procedimento, cui l'accusa calunniosa ha dato luogo; e che solo conosce tutte le circostanze del fatto, da cui desumere se l'accusatore era oppur no , convinto dell'innocenza di colui che esso accusava.*" (**Francesco Ricci; Corso-Teoretico Pratico di Diritto Civile**; Vol lll pg. 24; 1886 Ed.)
>
> 38. Igifieri dan l-awtur jikkontendi illi sabiex tirrafigura l-kalunnja ai fini civili fir-rigward tal-indinijita' taht l-artiklu taljan simili ghal dak Malti, huwa l-Magistrat f'sede penali li l-aktaripposizzjonat tajjeb biex jiddeciedi jekk din sehhitx jew le. Dan ifisser, li hija l-produzzjoni ta' Sentenza dwar kalunnja mill-Qorti penali li twassal ghall-komminazzjoni li jrid l-artiklu Civili inkwistjoni.
>
> 39. Isegwi ghalhekk, li thares kif thares lejn din l-eccezzjoni, kemm jekk ir-ricerka dwar il-kalunnja ghandhiex tkun maghmula minn din il-Qorti u kemm le, konkluzjoni wahda hemm: dik li l-Konvenuta Vivienne Bonavia ma irnexxilhiex tipprova l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward."

35. Il-konvenuta appellanti tgħid li l-Qorti tal-ewwel istanza żbaljat meta qieset li kien hemm il-ħtieġa li jkun hemm deċiżjoni dwar kalunnja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Tgħid li fil-każ odjern, il-provi juru li l-atturi mhux denji li jirtu għaliex għamlu rapporti kontra t-testatur meta kienu jafu li dan ma kienx ħati, tant li l-Pulizija Ingliża stess iddeċidiet li ma tmexxix kontra tiegħu.

36. L-indenjità taħt il-liġi tagħna hija regolata mill-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-parti rilevanti tagħha, din id-dispożizzjoni taqra hekk:

> "605.(1) Kull min –
> ...
> (b) ikun akkuża lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur, quddiem awtorità kompetenti b'delitt li jġib il-piena tal-priġunerija, u li hu kien jaf li t-testatur, jew il-mara jew raġel tat-testatur, ma kenux ħatjin tiegħu;
> ...
> jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi b'testment.
>
> (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għal kull min ikun kompliċi f'wieħed jew ieħor mill-fatti hawn fuq imsemmja."

37. Anki hawnhekk il-fonti tal-liġi tagħna kienet il-Kodiċi Albertin. Dingli indika b'mod speċifiku l-Artikolu 709 ta' dak il-Kodiċi. Però bejn id-dispożizzjoni tagħna u dik tal-Kodiċi esteru msemmi hemm differenzi notevoli. Id-dispożizzjoni rilevanti tal-Kodiċi Albertin tgħid hekk:

> "709. Sono incapaci, come indegni, di ricevere per testamento:
> ...
> 3.º Colui che ha intentato contro il testatore un'accusa di un delitto punibile con pena capitale, od infamante, quando l'accusa fu dichiarata calunniosa in giudicio, eccetto che il testamento sia posteriore all'accusa, ed alla dichiarazione di calunnia, non ignorate dal testatore all'atto del testamento;
> ..."

38. Għalhekk skont din id-dispożizzjoni estera, sabiex l-indenjità tirriżulta d-denunzja trid tkun ġiet ġudizzjarjament dikjarata bħala kalunnjuża. Ħtieġa li hija assenti fil-liġi tagħna, u li tidher li tħalliet barra intenzjonalment. Minn dak li rat din il-Qorti, il-lokuzzjoni preżenti fl-Artikolu 709 tal-Kodiċi Albertin hija riflessjoni ta' dak li nsibu fl-Artikolu 727 tal-Kodiċi Franċiż[29], u nżammet anki fl-Artikolu 725 tal-Kodiċi unitarju tar-Renju tal-Italja tal-1865, u għalhekk il-kumment tal-kittieb ***Ricci*** li sar riferenza għalih mill-Qorti tal-ewwel istanza mhux daqstant applikabbli għal-liġi Maltija. Kien miktub mod ieħor l-artikolu korrispondenti fil-Kodiċi Ċivili tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet:

> "648. Sono indegni di succedere, e come tali esclusi dalle successioni
> ...
> 2º Colui che avesse promosso contro il defunto un'accusa di delitto capitale,

[29] *727. Sont indegnes de succéder, et comme tals exclus des successions, … 2.º Celui qui a porté contre le défunt une accusation capitale, jugée calomnieuse; …*

...".

39. Fir-rigward insibu hekk kummentat dwar din l-aħħar dispożizzjoni:

> "Laonde il n.º 2.º dell'articolo 727 del codice di Francia vuole che questa denunzia sia giudicata *calunniosa*. Un nostro scrittore patrio crede, che debba ciò non ostante sottintendersi quest'espressione nel nostro articolo, abbenchè fosse stata troncata. Niente logica è siffatta opinione. Innanzi tutto non dobbiamo supporre di essersi senza oggetto fatte le modificazioni e riforme agli articoli delle nostre leggi; e poi con molta ragionevolezza si è tolta l'espressione *calunniosa*: imperciocchè non è la esistenza del reato che rende indegno l'erede che lo ha denunziato, ma benvero sara egli reputato indegno sol perchè ha conculcato ogni sentimento di natura assumendo il carico di delatore di colui, col quale era ligato con vincolo di sangue, e da cui dovea ripetere quella reciprocità di affezione, dalla quale proviene la presunzione che la legge fa campeggiare nell'ordine dei successibili. Quindi, sia giudicato calunnioso o non lo sia il reato che s'imputa al defunto, sarà sempre giustamente colpito dalla pena d'indegnità quell'erede che lo abbia denunziato.[30]"

40. Fil-liġi tagħna wkoll ġiet soppressa l-frażi «*ġudikata kalunnjuża*», u din is-sopressjoni għandha twassal għall-konklużjoni illi mhux neċessarju sabiex persuna tinstab mhux denja li tiret li l-kalunnja mwettqa minnha tkun ġiet dikjarata minn qorti, wisq inqas minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Fuq kollox huwa prinċipju stabbilit dak li l-azzjoni ċivili hija awtonoma u indipendenti mill-azzjoni kriminali, u għalhekk il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili jistgħu jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom dwar ċirkostanzi li minnhom jiskaturixxu konsegwenzi ċivili indipendentement minn dak li jistgħu jikkonkludu l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali.

---

[30] ***Giordano,*** Comento sulle Leggi Civili del Regno delle Due Sicilie (Napoli, 1853), Vol.III, pġa.48.

41. Dan però ma jfissirx li l-konvenuta appellanti għandha raġun fl-aggravju tagħha. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-ewwel istanza eżaminat il-provi dwar id-denunzja li l-konvenuta Bonavia tgħid li saret mill-atturi, u sabet li din ma tissodisfax il-ħtiġiet tal-liġi għaliex ma rriżultax li min għamilha kien jaf li t-testatur ma kienx ħati.

42. Huwa minnu li, kif osservat il-Qorti tal-ewwel istanza, l-Artikolu 605(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili għandu xebħ fil-lokuzzjoni tiegħu mal-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:

> "Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel,"

43. Fiż-żewġ ipoteżijiet, huwa neċessarju li l-persuna li tagħmel l-akkuża tkun taf li s-soġġett ta' dik l-akkuża (i.e. it-testatur) ma tkunx ħatja. Mingħajr dak l-għarfien, la jeżisti r-reat ta' kalunnja u lanqas ma tista' titnissel l-indenjità ċivili. Dwar il-konsapevolezza tan-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata, ***Maino*** kien fisser, fir-rigward tal-artikolu 212 tal-Kodiċi Penali Taljan ta' dik l-epoka: «*Qualunque causa di giusta credulità sara bastevole ad esonerare dal rimprovero di calunnia un offeso erroneamente, sebbene, con troppo precipitazione, si persuase che l'autore del delitto da lui patito fosse chi realmente non lo era. Non si da calunnia colposa*»[31]. U għalkemm hu minnu li id-*dolo* tal-kalunnjatur huwa preżunt fejn jirriżulta li dan ma setax ħlief ikun jaf bl-innoċenza tal-

[31] Commento al Codice Penale Italiano (UTET, 1922), Vol.II, §1096.

kalunnjat (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Emmanuela Zahra***, Appell Kriminali, 7 ta' Ġunju 1952)[32], jibqa' l-fatt li l-provi jridu juru li kien hemm dik ix-xjenza.

44. Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, din ix-xjenza ma tirriżultax mill-provi. Ibda biex id-denunzja in kwistjoni saret mill-attriċi Purslow, u mhux ukoll mill-attur ħuha, li għalhekk fl-ebda każ ma jista' jingħad li nkorra fil-piena tal-indenjità. Fir-rigward tad-denunzja li saret, il-Qorti ma tistax tgħid, mill-provi skarsi li għandha quddiemha, li din saret mill-attriċi msemmija meta din kienet taf li missierha ma kienx ħati. Jidher li l-missier ikkontesta l-akkużi li saru fil-konfront tiegħu u l-Pulizija ddeċidew li ma jressquhx il-Qorti. Huwa minnu li jidher li r-reat li ġie addebitat lit-testatur huwa wieħed li dwaru l-Pulizija setgħu imexxu indipendentement mill-kwerela tal-parti leża. Però l-fatt li ma tteħdux proċeduri penali mhux konklussiv – jista' jkun li l-Pulizija ma kellhomx provi suffiċċjenti biex imexxu. Dan ma jfissirx li t-testatur ma wettaqx ir-reat addebitat lilu, u wisq inqas ma jfisser li l-attriċi Purslow akkużat lil missierha b'reat meta kienet taf li mhux ħati.

45. Għalhekk il-provi mhux biżżejjed biex il-Qorti tikkonkludi favur l-indenjità eċċepita, u għalhekk anki dan l-aggravju qed jiġi respint.

[32] Kollezz. Vol.XXXVI.iv.770.

46. Il-Qorti sejra issa tqis il-**ħames aggravju** tal-konvenuta appellanti qabel l-aggravji rimanenti, peress li tqis li huwa dan li jmissu jiġi kkunsidrat fl-ordni loġiku tal-aggravji devoluti lilha permezz ta' dan l-appell. B'dan l-aggravju l-konvenuta Bonavia tgħid li hija biss legatarja, u li għalhekk hija qatt ma tista' twieġeb għal azzjoni għall-ħlas tal-leġittima. Tgħid li l-uniċi leġittimi kontradditturi għal azzjoni bħal dik huma l-eredi, u fin-nuqqas tagħhom, l-eredità.

47. Anki dan l-aggravju huwa bla fondament.

48. L-Artikolu 651 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "Kemm-il darba d-dispożizzjonijiet b'testment ikunu jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, jew il-biċċa ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir *pro rata*, mingħajr ebda għażla bejn werrieta u legatarji."

49. Fejn id-dispożizzjonijiet testamentarji jaqbżu l-porzjoni disponibbli tal-patrimonju tat-testatur, irid isir tnaqqis *pro rata*, li għalih huma responsabbli wkoll il-legatarji. Kif jispjega ***Toullier***: «*La riduzione delle donazioni testamenterie può essere domandata non solamente dagli eredi in vantaggio de'quali la legge fa una riserva, ma eziandio dai creditori del testatore; imperocchè i legatari non possono pretendere cosa alcuna se non dopo che sono stati sodisfatti i debiti del defunto*»[33]. U ***Baudry Lacantinerie*** kitbu hekk:

[33] Corso di Diritto Civile Francese (Napoli, 1824), Vol.V, §125.

> “Tale è l’oggetto della *riduzione*, che costituisce in favore dell’erede legittimario un’arma, ch’è insieme difensiva e offensiva: *difensiva* in quanto egli può opporla ai donatari o legatari, che vengano a domandargli l’esecuzione di una disposizione che intacca la sua porzione legittima; *offensiva*, in quanto egli ha un’azione contro il donatario per forzarli a restituire quel che gli fu dato oltre la quota disponibile; e l’azione per la *riduzione* o *en rentranchement*...[34]”

50. Dan għalhekk ifisser li l-legatarji mhumiex għal kollox meħlusa mill-pretensjonijiet tal-leġittimarji, u għalhekk l-atturi għamlu sew li ċċitaw lill-konvenuti Bonavia u Rossitto flimkien mal-eredità ta’ Victor Bonavia.

51. Dan l-aggravju għalhekk ukoll huwa ħażin u qed jiġi miċħud.

52. Imiss issa **t-tielet aggravju**, li bih il-konvenuta appellanti tilmenta mill-fatt li l-Qorti tal-ewwel istanza qieset valuri eqreb lejn żmien il-likwidazzjoni meta kellha tqis x’kienu l-valuri fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, u dan wassal biex l-atturi se jarrikkixxu ruħhom indebitament.

53. Eżaminata s-sentenza appellata, jirriżulta li l-Qorti tal-ewwel istanza straħet fuq il-valuri riżultanti fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni sabiex tiddetermina jekk bid-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu, it-testatur eċċediex il-porzjoni disponibbli tal-patrimonju tiegħu. Magħmul dan l-eżerċizzju, il-Qorti tal-ewwel istanza sabet li tassew it-testatur

[34] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti, Vol.I, §843.

eċċeda dik il-porzjoni, u għaddiet biex tqis li l-leġittimarji kellhom il-jedd għal-leġittima bħala parti mill-beni tal-mejjet *in natura*, u dan konformement ma' dak li kienet tipprovdi l-liġi qabel l-emendi li seħħew bl-Att XVIII tal-2004. L-Ewwel Qorti mbagħad iddeċidiet illi l-konvenuta Bonavia kellha l-għażla, bħala legatarja, li tassenja lil-leġittimarji kwota *in natura* tal-proprjetà mħollija lilha, inkella tħallashom il-valur tagħha, u huwa hawnhekk li l-Ewwel Qorti qieset li l-ħlas kellu jsir abbażi tal-valur l-eqreb għas-sentenza tagħha.

54. Din il-Qorti jidhrilha li ċ-ċensura magħmula mill-konvenuta appellanti fil-konfront tal-valuri kkunsidrati fis-sentenza appellata mhux fondata.

55. Kif sewwa osservat il-Qorti tal-ewwel istanza fis-sentenza appellata, il-ġurisprudenza[35] taħt il-liġi l-antika kienet tapplika l-prinċipju li l-leġittima tiġi likwidata skont il-valuri l-aktar qrib iż-żmien tal-likwidazzjoni meta d-dritt tal-leġittimarju, li oriġinarjament mal-konċepiment tiegħu kien dritt *in natura* fuq il-beni tal-mejjet, ikollu jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu minħabba l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-leġittimarju. Huwa proprju għalhekk li dik il-ġurisprudenza kienet qed tapplika l-valur fiż-żmien tal-konverżjoni tad-dritt tal-leġittima minn dritt *in re* għal dritt ta' kreditu, u dan

---

[35] Ara per eżempju ***Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et*** (Appell Superjuri, 28 ta' Jannar 2005); ***L-Avukat Dr Chris Said noe et v. Mary Abela pro et noe et*** (Appell Superjuri, 28 ta' Mejju 2010).

sabiex il-leġittimarju ma jiġix preġudikat. La darba l-leġittimarju kellu **dak iż-żmien** il-jedd li jieħu l-leġittima *in natura* u b'hekk jibbenefika minn kull żieda fil-valur tal-ġid tal-wirt prevalenti fiż-żmien tal-assenjazzjoni, isegwi li jekk dik l-assenjazzjoni *in natura* tiġi vjolata jew preġudikata mill-werrieta jew mit-testatur, il-leġittimarju jkollu jitħallas bi flus. Sabiex dan isir, id-dritt tiegħu *in re* fuq il-beni tal-wirt jiġi konvertit fi kreditu. U sabiex dak il-kreditu jkun jirrifletti s-sehem tal-leġittimarju li, sa qabel dik il-konverżjoni, kien wieħed *in re*, il-ġurisprudenza stabbiliet il-prinċipju li dak il-kreditu jiġi likwidat b'riferenza għaż-żmien tal-likwidazzjoni.

56. Dan huwa l-prinċipju li ġie applikat fis-sentenza appellata, li huwa l-prinċipju korrett la darba l-leġittima dovuta lill-atturi hija regolata mil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-emendi li kkonvertew id-dritt tal-leġittima minn jedd *in natura* għal dritt ta' kreditu.

57. Għalhekk anki dan l-aggravju huwa riġettat.

58. Fadal biss **is-sitt aggravju** tal-konvenuta appellanti, li huwa dwar l-ispejjeż.

59. Fis-sentenza appellata, ġie deċiż li l-konvenuta appellanti tbati l-ispejjeż kollha, salv dawk tal-konvenuta Rossitto, li kellhom jiġu sopportati minnha stess.

60. Tenut kont tal-fatt illi l-obbligazzjoni tal-ħlas tas-sehem riżervat hija tal-eredità u mhux tal-legatarja, din il-Qorti jidhrilha li kien ikun aktar ġust illi l-ispejjeż jinqasmu b'mod solidali bejn l-eredità u l-konvenuta Bonavia. L-eredità għandha ġġorr parti mill-ispejjeż la darba ġie deċiż li t-testatur prova jċaħħad lill-atturi mis-sehem riżervat spettanti lilhom skont il-liġi. Però l-konvenuta Bonavia wkoll għandha ġġorr sehem mill-istess spejjeż la darba hija kkontestat it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li ġew misjuba infondati. Ir-responsabbilità għall-ispejjeż għandha tkun solidali, sabiex b'hekk il-konvenuta Bonavia, jew aħjar is-suċċessuri tagħha, jkollhom dritt ta' rigress kontra l-eredità għal sehemha mill-ispejjeż.

61. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tilqa' l-appell limitatament fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, billi tordna li l-ispejjeż tal-ewwel istanza – ħlief għall-ispejjeż tal-konvenuta Rossitto li għandhom jitħallsu minnha stess jekk ikun hemm – jinqasmu solidalment bejn il-konvenuta Bonavia u l-eredità ġjaċenti, bla ħsara għad-drittijiet skont il-liġi tal-kuraturi deputati;

(ii) tiċħad l-appell fil-kumplament tiegħu, u tikkonferma l-kapi rimanenti tas-sentenza appellata;

(iii) tordna li l-ispejjeż tat-tieni istanza jitħallsu in kwantu għal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-eredità konvenuta, u in kwantu għar-rimanenti erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da